# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 87/2017

Seduta tal-25 ta' Settembru 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sandra Żammit)**

**Vs**

**Neeson Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Neeson Abela, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 360395(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-11 ta' Mejju, 2015 għall-ħabta ta' bejn 13.00hrs u 13.15hrs, ġewwa '6 Till 9 Convenience Shop' fi Triq Ganu, Birkirkara:

> Mexxa 50 Ewro falsifikata meta kien jaf li hi falsifikata u dan bi ksur tal-Art 45(1) tal-Kap 204,
>
> U aktar talli kiser l-Art 7 tal-Kap 446 li kienet ingħatat lilu bħala sentenza ġewwa l-Qorti ta' Malta nhar il-15 ta' Frar, 2013 mill-Maġistrat Dr. A. Mizzi LL.D., liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel,
>
> U aktar talli renda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija lilu ġewwa l-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-13 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Neeson Abela ħati tal-akkuzi migjuba kontra tiegħu, u kkundannatu għal piena ta' sentejn

priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Neeson Abela, ppreżentat fis-17 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sens li, tikkonfermaha in kwantu biss din ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-esebit, iżda tirrevokaha in kwantu din sabet lill-appellant ħati taż-żewġ akkużi miġjuba kontrih u kkundannatu għal sentejn priġunerija, u dan billi tilliberaħ mill-imsemmija akkużi.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor huma s-segwenti:

(1) Illi l-appellant ma kellux jinstab ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u dan għax ma kellux il-*mens rea* rikjesta skont il-liġi ghal prosekuzzjoni tar-reat lilu addebitat. Il-livell tal-prova mehtieg fil-ligi ghal sejbien ta' htija li gie mibdul fis-sena 2016 bid-dhul fis-sehh ta'l-Att LXIX tal-2016 ma jistax jiġi applikat retroattivament għad-data mertu ta' dan il-każ. Dan ifisser illi l-appellant ma kellux x'jirribatti għall-verżjoni tal-fatti esposta mill-prosekuzzjoni billi dawk il-prova jasslu biss biex jippruvaw l-att materjali tar-reat izda mhux ukoll dak intenzjonali. Dak li xhud seta' qal dwar l-intenzjoni tiegħu m'hi xejn ħlief opinjoni u għandha tiġi skartata. In oltre meta kien imissu jixhed il-Qorti, l-appellant ma kienx legalment assistit u b'hekk iddeċieda li ma jixhidx, liema fatt seta' ħadem kontra tiegħu. Il-Prosekuzzjoni kellha allura tressaq il-prova li l-appellant kien jaf jew li *de minimis* seta' jissuspetta li l-karta in kwistjoni kienet falza. Il-fatt li kienet mitwija mhux neċessarjament tindika li hu kien jaf li kienet falza. In oltre l-fatt li l-appellant u l-principal tieghu li kien qed jistennieh barra l-hanut saqu minn fuq il-post mall-ewwel ma tfisser xejn, lanqas tenut kont taċ-ċirkostanzi, u cioe' tat-traffiku li kien hemm fit-triq in kwistjoni.

(2) Illi l-appellant ma jistax jinstab ħati ta' liġi li ma ġietx indikata fl-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju. Dan meta l-artikolu 188B tal-Kodici Kriminali introdott fil-ligi penali kif inghad ma huwiex rifless bl-ezatt fl-artikolu analogu abrogat li kien jinsab fil-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-ligi tpoggi oneru oghla ta' prova fuq il-persuna akkuzata. In oltre l-artikoli 45 u 50 tal-Kap 204 m'għadhomx jeżistu u b'hekk lanqas ta' dawn ma jista' jinstab ħati. F'dawn ic-cirkostanzi kellu jkun hemm provvediment tranzitorju fil-ligi billi l-akkuzat ma jistax jinstab hati taht disposizzjonijiet tal-ligi li ma ghadhomx fis-sehh u lanqas jista' jinstab hati ta' xi ligi ohra li ma kenitx fis-sehh fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat.

(3) Sussidjarjament il-piena hija waħda eċċessiva tenut kont illi l-akkuza tirreferi ghat-tmexxija fic-cirkolazzjoni ta' karta wahda ta' flus foloz

f'denominazzjoni ta' 50 ewro, iktar u iktar billi l-Ewwel Qorti applikat piena iktar oneruza minn dik vigenti fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat u dan kif mahsub fl-artikolu 188B tal-Kodici Kriminali. Semmai jekk il-Qorti tkun tal-fehma li indipendentement mit-tieni aggravju, irid jiġi applikat l-artikolu 188B xortawahda, għandha tiġi applikata l-*proviso* ghall-artikolu 188B(1) fejn il-piena tammonta għal bejn xahrejn u tlett snin prigunerija jew alternattivament tista tiġi applikata ordni ta' *probation* tenut kont tal-fatt illi llum il-ġurnata l-appellant bena hajjtu mill-gdid u qiegħed jaħdem.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ewlieni imqanqla mill-appellant essenzjalment idur madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan ghaliex fil-fehma tieghu ghalkemm il-fatti mhumiex minnu ikkontestati, madanakollu dawn iwassalu biss ghal prova dwar l-att materjali tar-reat, izda qatt ma jilhqu l-prova mehtiega bil-ligi sabiex jigi ippruvat ukoll l-element intenzjonali. Jishaq ukoll illi l-piz tal-prova mehtieg fil-ligi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kien wiehed inqas oneruz fuq l-appellant u dan meta bl-Att XLIX tal-2016 id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta li joholqu r-reat tat-tmexxija ta' flus foloz gew trasportati minn din il-ligi ghal Kodici Kriminali. Sussidjarjament l-appellant jilmenta illi l-piena inflitta kienet wahda esagerata tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u qed jitlob mitigazzjoni fl-istess. Jishaq illi fil-konfront tieghu kellu japplika il-proviso ghall-artikolu 188B(1) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla piena anqas harxa.

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-

konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.[1].

Illi biex taghmel dan l-ezercizzju l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn irriżultalha illi nhar il-11 ta' Mejju 2015 għall-ħabta tas-siegħa u għoxrin ta' wara nofsinhar, Joseph Spiteri sid il-ħanut 639, Convenience Shop, Triq Ganu, Birkirkara, ghamel rapport lill-pulizija għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar, fejn stqarr illi Nadia Abela, s-*salesgirl* impjegata fil-ħanut tiegħu kienet qdiet ġuvni li talabha issarraflu karta tal-flus f'denominazzjoni ta' €50. Hi ghaddietlu żewġ karti tal-flus ta' €20 'il waħda u ohra ta' €10. Skont Abela l-ġuvni kien għaddielha l-karta tal-flus mitwija. Hu telaq jiġri ' il barra u minnufih Abela innutat illi l-karta tal-flus li kellha f'idejha kienet falza kemm minħabba l-ħxuna tal-karta kif ukoll peress illi kellha diversi partikolaritajiet fosthom il-fatturi ta' sigurta' neqsin. Innutat ukoll illi l-kulur kien differenti. Minnufih ħarġet tiġri barra wara l-ġuvni u nnutatu jirkeb ġewwa karrozza tal-għamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni FBM824. Skont Abela, il-ġuvni kellu madwar 20 sena, kien liebes *shorts* tad-*denim*, *t-shirt*, berritta sewda f'rasu u kellu it-tpingija f'idejh il-leminija.

Mill-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija irriżulta illi l-vettura Punto li fiha rikeb il-malvivent kienet tgħajjat lil certu Jordan Azzopardi. Illi l-imagini tal-malvivent u tal-vettura uzata minnu gew elevati minn filmat tas-CCTV tal-hanut. Dan Azzopardi meta mitkellem mill-pulizija ighidilhom illi kien fil-kumpanija tal-appellant meta dan niżel sabiex isarraf xi flus filwaqt li kienu fil-ħin tal-brejk mix-xoghol taghhom fl-istabbiliment bl-isem "Tip Toes". Huwa jikkontendi li baqa' l-ħin kollu fil-karrozza u b'hekk ma jafx x'kien qed jiġri fil-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

ħanut.

L-appellant ġie mitkellem mill-pulizija fejn innega li kien jaf li l-karta tal-flus kienet falza, izda ma jikxifx is-sors minn fejn akkwista dina l-karta falza, ghalkemm jistqarr li dan kien konoxxenza tieghu u allura ma riedx idaħħlu fl-inkwiet. Jistqarr illi fil-hin tal-brejk tax-xoghol huwa mar flimkien ma' Azzopardi, iben l-imghallem tieghu, sabiex jixtri l-pastizzi izda tal-hanut ma kellux bqija ta' hamsin ewro meta mar biex ihallsu u ghalhekk dahal isarraf din il-karta tal-flus fil-hanut li kien hemm fil-vicin. Kif hareg rikeb fil-vettura misjuqa minn Azzopardi u telqu minn fuq il-post.

Mistoqsi għalfejn ma marx jixtri l-pastizzi mill-istess hanut fejn kien mar originarjament u dan wara li sarraf il-flus u għalfejn kien telaq jiġri ' 'l barra, stqarr illi kien mgħaġġel għax il-hin tal-brejk tax-xoghol kien ser jispiċċalu w tal-hanut kellu hafna nies u allura mar jixtri minn band'ohra. L-appellant irrifonda l-flus mehuda indebitament lill-vittma u dan fil-preżenza tal-Ispettur investigattiv.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jinsab akkużat bil-kummissjoni tar-reat mahsub fl-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-ligi gie abrogat fis-sena 2016 u tramandat fl-artikolu 188B(1) tal-Kodiċi Kriminali li jaqra hekk:

> **188B. (1) Kull min b'qerq jagħmel, jibdel jew jiffalsifika xi flus jew iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni xi flus falsifikati li jkun jaf li huma falsifikati jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sentejn u mhux iżjed minn disa' snin:**
>
> **Iżda meta l-flus falsifikati jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni minn persuna li tagħti prova li fiż-żmien li fih ġew f'idejha jew fil-pussess tagħha ma kenitx taf li kienu flus falsifikati, il-piena tiġi ridotta għal żmien ta' priġunerija għal mhux anqas minn xahrejn u mhux iżjed minn tliet snin.**

Issa t-test oriġinali tal-ligi fl-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 204 kien jiddisponi:

**45. (1) Kull min jiffalsifika xi biljett tal-flus jew imexxi biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat jista' jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sentejn u mhux iżjed minn disa' snin:**
**Iżda meta biljett tal-flus falsifikat jitmexxa minn persuna li tipprova li fiż-żmien li fih ġie f'idejha jew fil-pussess tagħha ma kienitx taf li kien falsifikat, il-piena tiġi ridotta għal żmien ta' priġunerija għal mhux anqas minn xahrejn u mhux iżjed minn tlett snin.**

Illi jidher allura illi filwaqt li l-piena applikabbli ma ġietx mibdula kemm jekk tinġieb il-prova mill-akkużat li ma kienx jaf li l-flus li tqiegħdu in ċirkolazzjoni kienu falsifikati meta dawn ġew f'idejh kif ukoll jekk le, madanakollu l-artikolu 188B ra l-introduzzjoni tal-element tal-qerq fl-att formali tar-reat u z-zieda ta' diversi forom ohra fl-att materjali tieghu. Dan maghdud madanakollu taht iz-zewg disposizzjonijiet ta'dritt, l-awtur tar-reat irid ikollu x-xjenza illi l-flus fil-pussess tieghu u li qieghed imexxi huma foloz, b'dan illi jekk din ix-xjenza hija nieqsa fiz-zmien meta l-flus jkunu gew fil-pussess tal-awtur tar-reat, r-reita' xortawahda tirrizulta bil-piena madanakollu tigi ridotta. Prova tan-nuqqas ta' xjenza kif inghad tinkombi fuq il-persuna akkuzata.

Illi l-element tax-xjenza mehtiega sabiex jissussiti r-reat kif mahsub taht l-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta gie mistharreg fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Peter Paul Azzopardi[2]" fejn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta irriteniet is-segwenti:

**"Il-konsapevolezza li trid tigi pruvata ghall-htija tar-reat kif jirrizulta mid-dispozizzjoni principali tal-artikolu 45(1) u l-konsapevolezza li dwarha jitkellem il-proviso fl-istess sub-inciz jirrigwardaw mumenti diversi tad-dinamika tal-fatti. Il-konsapevolezza mehtiega ghall-prova tar-reita' skont id-dispozizzjoni principali imsemmija tirrigwarda l-mument li l-awtur "imexxi biljett tal-flus falsifikat" u di fatti l-ligi tghid "...imexxi biljett tal-flus li jkun jaf li hu falsifikat". Hawnhekk l-artiklu ma jikkontempla ebda spostament tal-piz tal-prova u ghalhekk, ghall-fini ta' htija tar-reat previst fl-artikolu 45(1) tal-Kap. 204, il-piz tal-prova tal-konsapevolezza da parti tal-awtur tal-falsita' tal-biljett ta' flus li kien qieghed imexxi jibqa' skont l-istess artikolu jinkombi fuq il-prosekuzzjoni.**

[2] Deċiża fl-10 ta' Ġunju 2011, ippreseduta mill-Prim Imħallef Emeritus Silvio Camilleri.

> Minn naha l-ohra, il-konsapevolezza li dwarha jitkellem il-proviso tal-istess artikolu jirrigwarda l-mument precedenti l-ispaccjar jew tmexxija tal-biljett falsifikat u cioé il-mument li l-awtur gie fil-pussess tal-biljett falsifikat tant li l-proviso jghid "... fiz-zmien li fih gie f'idejha jew fil-pussess taghha ma kienetx taf li kien falsifikat" u huwa car li dan l-proviso qieghed jindirizza l-kwistjoni tal-piena u mhux tal-htija jew reita' ghar-reat li trid tkun giet stabbilita a tenur tad-dispozizzjoni principali li ghar-rigward taghha, u cioé tal-htija ghar-reat, l-ligi ma tikkontempla ebda spostament tal-piz tal-prova li ghalhekk jibqa' jinkombi fuq il-prosekuzzjoni. Fi ftit kliem, ghall-finijiet ta' htija ghar-reat ipotizzat fl-Artikolu 45(1) tal-Kap. 204, konsistenti fi spaccjar jew tmexxija ta' biljett jew biljetti ta' flus iffalsifikati, il-prova li fil-mument tal-ispaccjar jew tmexxija tal-biljett falz ta' flus l-awtur kien konsapevoli li l-biljett kien wiehed falz tispetta lill-prosekuzzjoni. Jekk, izda, l-imputat jipprova li meta rcieva jew gie fil-pussess tal-flus, u cioé qabel il-mument li gie biex jghaddihom lil haddiehor, huwa ma kienx jaf li l-flus kienu foloz allura ghall-finijet ta' piena ghar-reat ta' spaccjar jew tmexxija ta' flus foloz jiggwadanja minn riduzzjoni billi l-minimu tal-piena minn sentejn isir xahrejn prigunerija waqt li l-massimu tal-piena minn disa' snin isir tlett snin. L-artikolu 45(1) huwa intiz li jkopri zewg sitwazzonijiet: l-ewwel wahda fejn persuna tircievi biljett falz ta' flus bil-konsapevolezza li kien falz meta rcevietu u imbaghad tmexxi l-biljett falz meta evidentement kienet konsapevoli li kien falz, u hawnhekk il-ligi tipprovdi ghall-piena fir-rigur taghha; u t-tieni sitwazzjoni hi fejn persuna tircievi biljett falz minghajr ma kienet konsapevoli li kien falz fil-mument li tircevih izda ssir taf li kien falz wara li rcevietu u tkun taf li hu falz meta tmexxih lil haddiehor, u f'din l-ipotesi l-ligi tipprovdi ghal mitigazzjoni tal-piena u huwa biss f'dan ir-rigward u cioé sabiex l-awtur ikun jista' jibbenefika minn din il-mitigazzjoni tal-piena, li l-ligi timponi fuq l-imputat il-piz tal-prova tan-non-konsapevolezza tal-falsita' tal-biljett falz fil-mument li rcevieh".

Dan il-hsieb gie rifless ukoll fid-dibattiti parlamentari li ipprecedew l-introduzzjoni tal-Att XLIX tal-2016 meta gie imfisser hekk il-hsieb tal-legislatur wara l-emendi proposti:

> "....illum qed inressaq quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, Kap. 204", però qabel ma niġi biex nispjega l-emendi li qed nipproponi, nixtieq nagħmel riferenza qasira għad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea li minnha qed jirriżultaw dawn l-emendi u li eventwalment se jiġu riflessi kemm fl-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta kif ukoll fil-Kodiċi Ċivili.
>
> Id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea tal-2014 tiffoka fuq il-protezzjoni tal-ewro u muniti oħrajn kontra l-falsifikazzjoni permezz ta' liġi kriminali. L-

oġġettivi ta' din id-Direttiva huma ntiżi biex jiġu stabbiliti regoli, kemm f'dawk li jikkostitwixxu offiżi kriminali kif ukoll sanzjonijiet rigward il-falsifikazzjoni tal-ewro u ta' muniti oħra, biex jiġu introdotti dispożizzjonijiet komuni bil-għan li tissaħħaħ il-ġlieda kontra offiżi marbutin mal-istess falsifikazzjoni tal-flus, biex jiġu mtejba l-investigazzjonijiet li għandhom isiru mill-awtoritajiet f'dan il-qasam kriminali kif ukoll biex tiġi żgurata koperazzjoni kontinwa u aħjar bejn l-awtoritajiet rilevanti tal-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropea.

L-għan tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum hu li jitneħħew mill-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-falsifikazzjoni u t-tqegħid ta' flejjes fiċ-ċirkolazzjoni għax id-dispożizzjonijiet li hemm bħalissa huma relatati direttament mal-investigazzjoni u mal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u għaldaqstant huma aktar f'posthom fil-Kodiċi Kriminali. Wieħed mill-artikli li se jiġu trasferiti mill-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta għall-Kodiċi Kriminali hu artiklu 45, li jirrigwarda sanzjonijiet dwar falsifikazzjoni u tqegħid ta' flejjes fiċ-ċirkolazzjoni, u dan l-artiklu jipprovdi għal tliet livelli ta' sanzjonijiet. L-ewwel nett għandna priġunerija ta' bejn sentejn u disa' snin għal min jinqabad jiffalsifika jew imexxi flus foloz b'mod konxju. Imbagħad ikun hemm ukoll priġunerija ta' bejn xahrejn u tliet snin għal min jinqabad imexxi flus foloz imma li jipprova li fiż-żmien li ġew il-flus f'idejh ma kienx jaf li tali flus kienu foloz. Imbagħad hemm priġunerija ta' bejn sentejn u għaxar snin għal min jinqabad juża b'mod konxju xi faċilitajiet jew materjal biex jimmanifattura xi flus foloz.[3]

Issa l-appellant fl-aggravju minnu intentat jishaq illi dina il-konsapevolezza fih dwar in-natura tal-karta tal-flus li kellu f'idejh ma gietx ippruvata mill-prosekuzzjoni u dan la fil-mument li giet f'idejh u lanqas fil-mument illi huwa gie biex imexxieha u iqieghda fic-cirkolazzjoni biex b'hekk jishaq illi sar apprezzament zbaljat tal-provi. L-appellant ma jikkontestax il-fatti probatorji kif migjuba 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni, izda huwa tal-fehma illi dawn il-fatti ma jistghux jasslu ghal sejbien ta' htija ghaliex ghalkemm l-att materjali jirrizulta ippruvat mhux l-istes jista' jinghad fuq l-element intenzjonali.

Illi l-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-atti proċesswali kollha u wara li qieset il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, ma tistax taqbel mal-appellant. Dan ghaliex il-provi indizzjarji kollha jippuntaw f'direzzjoni wahda u cioe' dik tar-reita'. Illi jibda biex jingħad illi l-aġir tal-appellant huwa rifless *ictu oculi* fuq il-filmati tas-CCTV li

[3] Seduta Nru 429, L-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2016 – ara ukoll sentenza deciza Qorti tal-Magistrati 03/12/2018 Il-Pulizija vs Bessam Abdulhamid.

ġew eżebiti in atti ikkoroborati mix-xhieda ta' Nadia Abela. Jidher car illi l-appellant, li ighaddi il-flus mitwija lil Abela, jitlaq jiġri mill-ħanut wara li kien irnexxielu jsarraf il-flus. L-appellant jikkontendi li hu telaq jiġri għax kien ser ighaddielu l-ħin tal-brejk, madankollu dan huwa kontradett mill-fatt illi l-appellant daħal bil-kalma kollha fil-ħanut, b'din l-ghaggla allura ma hix evidenzjata fil-ftit sekondi li ipprecedew l-iskambju tal-flus. Fuq kollox ma jidhirx illi l-appellant kien ser ibati minn xi riperkussjonijiet fuq il-post tax-xoghol ghaliex wasal tard mill-hin tal-brejk, gjaldarba kien fil-kumpanija ta' Jordan Azzopardi li jigi iben l-imghallem tieghu.

Mhux biss izda ghalkemm jikkontendi illi ried isarraf il-flus ghaliex il-hanut tal-pastizzi minn fejn mar jixtri ftit tal-hin qabel ma accettax il-hlas b'karta tal-hamsin ewro u ghalhekk mar isarraf f'hanut vicin, wara li telaq 'il barra ma marx jixtri mill-istess hanut izda jikkontendi illi spicca xtara x'jiekol minn hanut iehor iktar 'il boghod ghalkemm ighid li kien sarlu l-ħin biex imur lura ghax-xogħol. In oltre huwa wkoll suspettuz il-fatt illi l-appellant għadda l-flus in kwistjoni mitwija lil Nadia Abela, is-*salesgirl* fil-hanut. Dan x'aktarx sehh ghaliex kif jirrizulta mir-rapport redatt mill-espert Adrian Bonello, l-karta tal-flus in kwistjoni kienet tidher falza *ictu oculi* u kienet hekk tinhass ukoll, u dan minhabba illi l-karta kienet harxa, il-kulur taghha kien differenti u kien hemm *security features* nieqsa. Tant hu hekk illi hekk kif Abela tabqad il-karta f'idejha hija mal-ewwel indunat illi din kienet karta falza u harget tigri wara l-appellant, izda dan b'heffa kbira kien diga' rikeb fil-vettura li kienet qed tistennieh u harab minn fuq il-post.

Dan ghandu ifisser allura illi anke ghall-appellant kellu jkun evidenti illi din il-karta tal-flus kienet differenti minn karta tal-flus genwina billi din għaddiet minn taht idejh. B'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-provi indizzjarji kollha ixejjnu dak li jikkontendi l-appellant illi meta mexxa il-karta tal-flus falza huwa ma kellux ix-xjenza mehtiega mill-ligi u kwindi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal sabiex issib ħtija fil-konfront tieghu.

Illi finalment l-appellant lanqas jista' jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tinfliggi fuqu il-piena l-aktar severa gjaldarba l-prova li huwa ma kienx jaf illi l-karta tal-flus kienet falza meta giet fil-pussess tieghu kienet tispetta lilu, prova illi huwa jonqos milli jressaq. Mhux biss izda kif inghad l-appellant lanqas jista' ighid illi meta din il-karta giet fil-pussess tieghu ma indunax li kienet falza, ghaliex din kienet tidher mad-daqqa t'ghajn illi ma kenitx karta tal-flus genwina. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju sollevat mill-appellant, din il-Qorti hija tal-fehma illi li m'hemm assolutament xejn irregolari fil-mod kif inhuma indikati l-artikoli tal-ligi fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Frar 2016 u sussegwentement għall-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ippronunzjat il-htija meta iccitat l-istess artikoli tal-ligi hekk indikati lilha u ziedet l-artikoli tal-ligi kif mahsuba fil-Kodici Kriminali fejn ir-reat kien gie tramandat bl-emendi li dahhlu fis-sehh f'Novembru tas-sena 2016. Fil-fatt l-Ewwel Qorti taghmel referenza fid-*deċide* kemm għall-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 204 kif ukoll għall-artikolu 188B(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, l-akkuza kienet tinkwadra ruhha f'dak dispost fl-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta[4]. L-istess kienet is-sitwazzjoni meta ġiet redatta n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Ġenerali.[5] Mill-banda l-oħra meta l-Ewwel Qorti ġiet biex tippronunzja s-sentenza tagħha, dan għamlitu wara li l-Att XLIX tal-2016 kien daħal fis-seħħ u ċioe wara li l-artikolu 45(1) tal-Kap 204 ġie sostitwit bl-artikolu 188B fil-Kodiċi Kriminali.[6] Dan ghalkemm ma iddahhlet l-ebda disposizzjoni transitorja mill-legislatur fl-Att li permezz tieghu l-emendi gew introdotti, ghaliex ir-reat baqa' wiehed u uniku u cioe' dak tat-tmexxija ta' flus foloz. Dan ghaliex:

[4] Akkuża hija datata l-11 ta' Mejju 2015. L-artikolu 188B daħal fis-seħħ fis-sena 2016.
[5] Artikoli tal-Avukat Ġenerali inħarġu fil-15 ta' Frar 2016 meta l-att XLIX. 2016 li wassal sabiex din id-disposizzjoni tiġi nkorporata fil-Kodiċi Kriminali daħal fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2016.
[6] Sentenza datata d-9 ta' Frar 2017.

.... the Interpretation Act (Chapter 249 of the Laws of Malta) provides in article 12:

"(2) Where an Act, whether passed before or after the commencement of this Act, amends any other Act passed either before or after the commencement of this Act, or any provision of any such other Act, the Act or provision so amended, as well as anything done thereunder or by virtue thereof, shall, unless the contrary intention appears, continue to have full effect, and shall so continue to have effect as amended, and subject to the changes made, by the amending Act.

"(3) For the purposes of subarticle (2) 'amendment' means and includes any amendment, modification, change, alteration, addition or deletion, in whatsoever form or manner it is made and howsoever expressed, and includes also a provision whereby an Act or a provision thereof is substituted or replaced, or repealed and substituted, or repealed and a different provision made in place thereof."

23. Moreover, article 2 of the Interpretation Act defines "Act" as "an Act of Parliament and any other Act passed by the Legislature of Malta and includes any code, ordinance, proclamation, order, rule, regulation, bye-law, notice or other instrument having the force of law in Malta other than an instrument to which the Act of the Parliament of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland entitled the Interpretation Act, 1889, applies"[7].

Ghaldaqstant anke t-tieni aggravju qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss biex jigi trattat l-aħħar aggravju mressaq dwar il-piena erogata ta' sentejn prigunerija. Issa fil-każ in eżami jidher illi l-piena applikabbli hija dik ta' bejn sentejn sa disa' snin priġunerija biex allura l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija wahda fil-minimu assolut taghha. L-appellant izda qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiehu in konsiderazzjoni l-applikazzjoni ta' piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija fil-konfront tieghu.

[7] App. Sup. The Republic of Malta v. Morgan Ehi Egbomon, Number 16/2009; Deciz 31ta' Lulju, 2014

Issa billi l-appellant instab hati li ikkometta r-reat fiz-zmien meta kien hemm Ordni ta' Probation vigenti fil-konfront tieghu, l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tikkoncedi sospensjoni ghal-perijodu ta' inkarcerazzjoni u dan fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 28A(7)(c) tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-Qorti hija wkoll prekluza milli tordna il-hrug ta' Ordni ta' Probation ohra fil-konfront tal-appellant. Dan ghaliex l-artikolu 7(2)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jindika li tali ordni tista' tinhareg biss għal dak li jirrigwarda reati li ma jkunux punibbli b'aktar minn seba' snin priġunerija. Illi l-piena applikabbli ghar-reat li dwaru l-appellant gie misjub hati, kif inghad, igorr piena ta' prigunerija sa massimu ta' disa' snin. Illi dan maghdud, madanakollu, l-proviso ghall-artikolu 7 johloq eccezzjoni ghal din ir-regola, meta fil-fehma tal-Qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, li għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin.

Din il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa x-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri u tar-rapprezentant tal-Caritas Leon Madden apparti li hadet in konsiderazzjoni ukoll is-*Social Enquiry Report* imhejji mill-imsemmija Ufficjal fil-konfront tal-appellant, eżebit in atti u mmarkat bħala Dok SF. Illi dawn iz-zewg xhieda faħħru l-progress li għamel l-appellant tul dawn il-proċeduri, prinċipalment minħabba l-fatt li tbieghed mill-vizzju tad-droga, kif ukoll ghaliex dahal fid-dinja tax-xoghol sahansitra b'esperjenza ta' xogħol barra minn Malta li biha mmatura konsiderevolment. Qieset ukoll in-natura tar-reat kommess, partikolarment il-valuta tal-flus li ġiet iċċirkolata u ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-eta` tal-appellant meta kkometta dan ir-reat. Qieset ukoll il-fatt illi l-appellant irrifonda lura l-flus lill-vittma jumejn wara l-inċident u finalment ħadet qies ukoll tal-fedina penali tal-appellant fejn kellu żewġ kundanni preċedenti konsistenti f'serq u f'pussess sempliċi ta' droga.

Illi allura filwaqt li l-Ewwel Qorti applikat piena karċerarja fil-parametri tal-liġi u fil-minimu tagħha, din il-Qorti hija preokkupata dwar ir-riskju rejali li jezisti illi l-appellant jerġa' jaqbad it-triq għan-niżla, jekk jiġi effettivament inkarċerat

meta illum huwa bniedem riformat. Jidher illi hu għandu prospetti fil-futur qarib illi jsiefer barra minn Malta fuq xoghol. Madanakollu l-Uffiċjal tal-Probation kienet tal-fehma illi l-appellant huwa persuna affidabbli biżżejjed sabiex jottempera ruhu xortawahda mal-Ordni ta' Probation jekk din tigi imposta fuqu. B'hekk din il-Qorti hija tal-fehma illi t-tielet aggravju kif miġjub mill-appellant jixraqlu akkoljiment u dan permezz tal-applikazzjoni tal-proviso għall-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-kundizzjoni pero illi filwaqt li huwa qed jingħata l-permess sabiex isiefer biex jgħix u jaħdem ġewwa l-Olanda, l-appellant qieghed jibqa' obbligat li jattendi l-appuntamenti mal-Uffiċjal tal-Probation moghtija lilu minn żmien għal żmien sabiex jigi segwit l-andament tiegħu tul it-terminu tal-Ordni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa l-appell in parte, tghaddi ghalhekk biex tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, izda tirriformaha fir-rigward tal-piena inflitta u minflok dik ta' sentejn prigunerija, wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u il-proviso ghall-istess, tordna l-hrug ta' Ordni tal-Probation fil-konfront tal-appellant u dan ghal zmien tlett snin millum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jonqos milli joqghod ghal kundizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni tal-lum jew jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' tlett snin.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur